# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

# CHAIRMAN DOTTOR SIMONE GRECH
# B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

## Rikors Numru: 52/2021 SG

**Joseph Farrugia għan-nom**
**u in rappreżentanza tal-imsiefra**
**Carmel Anthony u Theresa konjuġi Grech**

**vs**

**Justin Buttiġieġ**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2021 fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

"1. *Illi l-atturi huma sidien tal-fond numru tnejn (2), Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi, limiti Munxar Ghawdex.*

2. *Illi permezz ta' skrittura tad-disgha (9) ta' Marzu elfejn u sittax (2016), dan il- fond gie mikri lill-intimat Justin Buttigieg ghal terminu ta' hames (5) snin li kienu jiskadu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar elfejn u wiehed ghoxrin (2021) (Dokument B).*

3. *Illi ghaldaqstant it-terminu provdut f'dan l-ftehim illum skada abbundantament.*

4. *Illi inoltre dan il-ftehim ma giex registrat ai termini tal-Kapitolu sitt mija u erbgha (604) tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Illi konsegwentement isegwi li l-intimat qieghed prezentement jokkupa dan il-fond minghajr titolu validu skont il-ligi.*

6. *Illi minkejja li l-intimat gie avzat biex jivvaka mill-fond, huwa baqa' inadempjenti u baqa' jokkupa l-istess fond.*

7. *Illi inoltre, l-intimat ghadu sa issa moruz fil-pagamenti li kien dovut ihallas fit-terminu tal-kirja.*

8. *Illi fil-fatt, minkejja li skont it-tielet kundizzjoni tal-istess ftehim, l-intimat kien responsabbli ghall-hlas tal-konsum ta' elettriku u ilma tal-fond, ghad fadal sa issa hlas dovut minnu lir-rikorrenti fir-rigward tal-konsum maghmul fit- terminu tal-kirja, u dana fl-ammont ta' elfejn, mija u tliet au erbghin ewro u tlettax -il centezmu (€2,143.13).*

9. *Illi ghalhekk fi kwalunkwe każ l-imsemmi ftehim ġie xjolt ope legis minhabba dak li jinghad fl-Artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili;*

10. *Illi l-intimat gie nterpellat biex jivvaka mill-fond u jeffetwa l-hlasijiet dovuti permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fil-hmistax (15) ta' Jananr elfejn wiehed u ghoxrin (2021) bin-numru 1/2021, izda minkejja dan baqa' inadempjenti.*

11. *Illi esponenti jixtiequ li l-intimat jivvaka mmedjatament mill-fond de quo, li huwa jhallas l-arretrati dovuti, kif ukoll jaghti kumpens ghall-okkupazzjoni ulterjuri li huwa zamm tal-fond, oltre t-terminu miftiehem u ghalhekk kellhom jipprocedu b'din il-kawza.*

12. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

***GHALDAQSTANT, l-esponenti umilment jitolbu li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:***

*i.* *Tiddikjara illi l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn, mija u tlieta u erbghin ewro u tlettax -il centezmu (Eur2,143.13) rapprezentanti hlas ghal servizzi u konsum ta' dawl u ilma fuq il-fond numru tnejn (2), Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi, limiti Munxar Ghawdex;*

*ii.* *Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dan l-istess ammont;*

*iii.* *Tiddikjara li l-intimat Justin Buttigieg qed jokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu skont il-ligi;*

*iv.* *Konsegwentement, tordna li l-intimat* ***jizgombra*** *mill-fond numru tnejn hom (2), Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi, limiti Munxar Ghawdex; fi żmien li jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

*v.* *Tiddikjara u tiddeciedi wkoll illi r-rikorrenti ghandhom id-dritt li jigu kkumpensati mill-intimati ghall-okkupazzjoni minnhom tal-fond fuq imsemmi b'effett mill-ewwel (1) ta' Marzu elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) sad-data tal-izgumbrament effettiv, skont rata ta' skont rata ta' kumpens stabbilit u likwidat mill-istess Qorti;*

*vi. Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-sidien rikorrenti din is-somma ħekk likwidata in linea ta' kumpens;*

*vii. Bl-ispejjeż kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 1/2021 u bl-imgħax legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv, kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

*viii. Ir-rikorrenti jirriservaw kwalunkwe rimedju u dritt iehor spettanti lilhom skont il-kuntratt u l-liġi."*

Ra r-risposta ġuramentata ta' Justin Buttigieg fejn ġie premess:

*"Prelimarjament l-intimat jecepixxi il-kompetenza ratione materiae ta' din il-Qorti Onorabbli biex tkompli tisma' dan il-kaz stante illi l-kwistjoni ta terminazzjoni ta' kirja għandha tigi intavolata quddiem il-Bord tal-Kera u ma għandux ibati l-ispejjez tal-istanti proceduri.*

*Fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti ma humiex qed jigu kkontestati kompletament u dan kif isegwi:*

1. *Illi l-ewwel, it-tieni u t-tielet premessa ma humhiex qed jigu kkontestati;*

2. *Illi 1-raba premessa qed tigi kkontestata in kwantu illi a termini atl-artiklu 5 tal-Kap 604 hija r-responsabbiltà tal-kerrej biex jinregistra l-ftehim u mhux tal-inkwilin,*

3. *Illi s-sitt premessa ma hix qed tigi kkontestata;*

4. *Illi s-seba' premessa qed tigi kkontesata in kwantu illi il-kera ma kienetx qed igi accetta mir-rikorrent nominee għalkemm kienet qed tigi offruta. Illi l-intimat ma jsib l-ebda diffikulta li jħallas il-morosità tal-pagament tal-okkupazzjoni tiegħu bir-rata tal-kera u cioe ta' mitjen u ħamsa u għoxrin Euro fix-xhar (€225);*

5. *Illi t-tmien premessa qed tigi kkontestata stante illi l-kont tad-dawl kien qed jigi kkontestat u in oltre l-esponenti kellu ftehim mal-ARMS li jħallas il-kont ftit ftit biex ma jitlifx id-dritt tiegħu ta' kontestazzjoni stante illi huwa qed jallega li l-arlogg kien difettuz u r-rati li gew applikati fuq il-kont ma kienux jirriflettu l-istat ta' fatt attwali ta' okkupazzjoni ta' persuna.*

6. *Illi d-disa' premessa qed tigi kkontestata in kwantu illi l-artiklu 1570 jittkellem fuq dissoluzzjoni u mhux terminazzjoni;*

7. *Illi l-għaxar u ħdax-il premessa qed jigu kkontestati in kwantu l-esponenti jeħtieglu zmien xieraq biex isib residenza oħra.*

8. *Illi għal dawn ir-ragunijiet l-esponenti ma għandux ibati l-ispejjez tal-istanti u certament ma hux għal ebda pagament ta' imgħaxijiet fuq ebda ammont stante illi l- ebda ammont ma gie likwidat."*

Ra s-sentenza mogħtija fit-8 ta' Lulju 2022.

Ra l-atti kollha.

**Ikkunsidra**

Irriżulta li permezz ta' skrittura datata 9 ta' Marzu 2016 (Dok B), il-fond in kwistjoni ġie lokat a favur l-intimat għal terminu ta' ħames snin li kienu jiskadu fit-28 ta' Frar 2021. Irriżulta li t-terminu skada iżda l-konvenut baqa' jokkupa l-fond.

Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qed jitolbu ħlas għall-okkupazzjoni mingħajr titolu kif ukoll ħlas għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma liema ammonti għadhom ma ġewx imħallsa mill-konvenut. Qed jintalab ukoll żgumbrament tal-konvenut mill-fond mertu ta' din il-vertenza kif ukoll ħlas għall-okkupazzjoni llegali tal-fond b' effett mill-1 ta' Marzu 2021 sad-data ta' l-iżgumbrament effettiv.

Dan il-Bord iqis li fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021, Dr Angele Formosa li tassisti lil konvenut iddikjarat li l-fatti huma li huma u li din hija kirja li hija marbuta bi żmien liema żmien għadda u l-intimat għandu jivvaka mill-fond filwaqt li talbet terminu sabiex ikun jista' jivvaka.

Qies ukoll it-tieni eċċezzjoni kif ukoll dak li ntqal fit-trattazzjoni finali mil-legali tal-intimat u ċioe' li bħala fatti ma hux kontestat li t-terminu għalaq iżda ġialadarba l-kirja ma kinitx rreġistrata meta fil-fatt kellha tkun reġistrata, dan jekwivali għal ostakolu għat-talbiet tar-rikorrenti.

Dwar il-kwistjoni sollevata fit-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimat u kif ukoll fit-trattazzjoni finali, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal mill-qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Lulju 2022.

Il-Bord jagħmel referenza wkoll għal dak li qal dan il-Bord hekk kif diversament ippresedut fit-13 ta' Marzu, 2023 Rikors Numru 111/2021 fl-ismijiet Paul Muscat et vs Caroline Grace Leonard et. F' din l-aħħar kawża, il-Bord ġie rinfaċċat b' talba mir-rikorrenti sabiex ġialadarba l-kirja ma ġietx debitament reġistrata ai termini tal-Kap 604 tal-Liġijiet ta' Malta, tali kirja hija nulla u mingħajr effett bil-konsegwenza li ntalbet żgumbrament tal-konvenuti. Il-Bord osserva s-segwenti:

*"Illi l-Bord josserva illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-iżgumbrament unikament għar-raġuni li skont huma l-kirja in kwistjoni hija nulla u bla effett stante li l-ebda parti għall-ftehim hawn fuq ċitat ma rreġistratu ai termini tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Bord jirrileva illi l-kirja li tifforma l-mertu tat-talbiet bdiet mill-1 ta' Ottubru 2016, u ċjoè fi żmien fejn is-sid ma kienx għad għandu fuqu lobbligu illi jirreġistra l-kuntratt tal-kirja. Dan l-obbligu ġie impost fuq issid bl-introduzzjoni tal-Att XXVIII tal-2019 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020. Ai termini tal-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 604 li jirregola lKirjiet ta' Residenzi Privati, kull kuntratt ta' kera li jsir wara d-dħul fissehh tal-istess Att kellu jiġi reġistrat. L-Artikolu 5(1) imbagħad jaħseb*

*għal dispsożizzjoni transitorja li tipprovdi hekk: "Kirjiet residenzjali privati li saru wara l-1 ta' Ġunju, 1995, imma qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att, u li xorta jibqgħu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2021, kemm jekk fit-terminu oriġinali jew imġedded tagħhom, għandhom jiġu rreġistrati".*

*Illi ġie ppruvat illi l-kirja in kwistjoni ġiet reġistrata fit-30 ta' Ġunju,2021. Ai termini tal-Artikolu 5(1), l-aħwa Cassar Aveta kellhom terminu sal-1 ta' Jannar, 2021, sabiex jirreġistraw il-kirja, pero` huma ma kkonformawx ruħhom mal-liġi. ....Illi l-pern ta' din il-kwistjoni hija jekk nonostante li l-kirja illum il-ġurnata hija reġistrata, anke jekk tardivament, tistax tiġi kkunsidrata bħala nulla u bla effett. Illi ai termini tal-proviso tal-Artikolu 4 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta "kuntratti ta' kirjiet residenzjali privati li mhumiex reġistrati skont id-dispożizzjonijiet tal-Att għandhom ikunu nulli u mingħajr effett." Illi abbażi ta' dan il-proviso ir-rikorrenti qegħdin jissottomettu li għalhekk il-kirja de quo hija nulla u bla effett.*

*Madanakollu minn ħarsa lejn disposizzjonijiet oħra tal-istess Kapitolu, il-Bord jirrileva illi l-istess liġi tagħti l-possibilita` lil sid il-kera li ma jirreġistrax kirja entro għaxart (10) ijiem mill-bidu tal-kirja sabiex jirreġistra l-kirja sussegwentement bi spejjeż ta' reġistrazzjoni addizzjonali. Madanakollu, jekk ir-reġistrazzjoni ssir tardivament, listess reġistrazzjoni jkollha effett retrospettiv mid-data tal-bidu tal-kirja. Illi għaldaqstant filwaqt li l-liġi tistipula n-nullita` tal-kirja jekk din ma tiġix reġistrata, tiprospetta wkoll ċirkostanza fejn il-kirja tiġi reġistrata tardivament u tali reġistrazzjoni jkollha effett retrospettiv. Il-Bord jirrileva li l-liġi tiprospetta din il-possibilita` fejn jirrigwarda kirjiet li ġew stipulati wara d-dħul fis-seħħ tal-Att Dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati. Tali disposizzjoni ma ġietx inkluża fejn jidħlu kirjiet ta' wara l1995 u qabel ma l-istess Att ġie fis-seħħ. Madanakollu, fil-fehma talBord, huwa ċar li l-ispirtu tal-liġi huwa favur li ftehim lokatizju jiġi salvat dment li ssir ir-reġistrazzjoni tiegħu, anke jekk tardivament. Dak li ried il-leġislatur huwa li ma tiġix offruta protezzjoni lis-sidien sakemm il-kuntratti lokatizji ma jiġux reġistrati. Tali protezzjoni tibda tingħata biss wara li jiġu hekk reġistrati. Kwindi fil-fehma tal-Bord, la darba l-kirja de quo ġiet reġistrata fit-30 ta' Ġunju 2021, anke jekk ġiet hekk reġistrata wara li ġew intavolati dawn il-proċeduri, l-istess kirja ma tistax titqies bħala waħda nulla u bla effett, tant li l-Awtorita` tad-Djar fil-fatt irrikonoxxietha bħala kirja valida ai termini tal-Kapitolu 604 talLiġijiet ta' Malta."*

Issa kif irriżulta f' dan il-każ odjern u korrettament osservat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ma tressqitx prova li din il-kirja ġiet reġistrata nonostante l-obbligu li għandhom is-sidien li jsir dan. Sid il-kera kellu terminu impost fl-artikolu 5(1) tal-Kap 604 sabiex jirreġistra tali kirja. In fatti, kellu sal-1 ta' Jannar 2021 sabiex jirreġistra l-kirja u l-kirja kien fadlilha sat-28 ta' Frar 2021 biex tiskada.

Madanakollu, dan il-Bord iqis li n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' kirja li tkun saret wara l-1 ta' Ġunju 1995 iżda qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap 604, ma tammontax għal każ ta' nullita' tal-ftehim ta' kera. Dana qed jingħadd peress li ai termini tal-artikolu 3 (1) tal-Kap 604 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dispożizzjonijiet tal-Att għandhom japplikaw għal kirjiet residenzjali privati li daħlu fis-seħħ jew ġew imġedda wara d-dħul fis-seħħ tal-Att: Kap. 16. **Iżda l-kirjiet li ngħataw wara l-1 ta' Ġunju, 1995, u li għadhom fis-seħħ fil-ġurnata tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom ikomplu jiġu regolati**

**esklussivament mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, ħlief għal dawk il-każijiet speċifikati taħt l-artikolu 5**. Imbagħad l-artikolu 5 tal-Kap 604 jistipola li:

*(1) Kirjiet residenzjali privati li saru wara l-1 ta' Ġunju, 1995, imma qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att, u li xorta jibqgħu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2021, kemm jekk fit-terminu oriġinali jew imġedded tagħhom, għandhom jiġu rreġistrati: Iżda l-obbligu tar-reġistrazzjoni għandu japplika wkoll għal kwalunkwe kirja li tiġġedded wara l-1 ta' Jannar, 2021.*

*(2) Għandu jkun id-dmir ta' sid il-kera li jirreġistra l-kuntratt ta' kiri residenzjali privat mal-Awtorità skont is-subartikolu (1) sal-1 ta' Jannar, 2021.*

L-artikolu 5 tal-Kap 604 imkien ma jistipola li nuqqas ta' tali reġistrazzjoni tirrendi l-ftehim ta' lokazzjoni bħala null u bla effett. Dana għal kuntrarju ta' dak li jistipola l-artikolu 4 tal-Kap 604:

*(1) Il-kuntratti kollha ta' kiri residenzjali privati li jsiru wara d-dħul fis-seħħ tal-Att, inkluż it-tiġdid tagħhom, kemm jekk espress jew taċitu, għandhom jiġu rreġistrati:* ***Izda kuntratti ta' kirjiet residenzjali privati li mhumiex registrati skont id-dispozizzjonijiet tal-Att ghandhom ikunu nulli u minghajr effett.***

*(2) Għandu jkun dmir ta' sid il-kera li jirreġistra, fi żmien għaxart (10) ijiem mill-bidu tal-kirja, il-kuntratt ta' kiri residenzjali privat mal-Awtorità: Iżda tali reġistrazzjoni għandha tkun soġġetta għal miżata amministrattiva imposta mill-Awtorità: Iżda wkoll li r-reġistrazzjonijiet li jsiru aktar tard miż-żmien speċifikat fis-subartikolu (2) għandhom ikunu soġġetti għal miżata addizzjonali.*

Għalhekk fid-dawl ta' l-artikolu 3 u l-artikolu 5 tal-Kap 604, dan il-Bord huwa tal-fehma li ġialadarba n-nuqqas ta' reġistrazzjoni twassal għal nullita' espressa fil-każijiet elenkati fl-artikolu 4 u ċioe' f' każijiet ta' kuntratti ta' kiri residenzjali privati li jsiru wara d-dħul fis-seħħ tal-Att, il-ftehim li għandu quddiemu dan il-Bord ma għandhux jitqies bħala wieħed null u mingħajr effett nonostane li ma ġiex debitament reġistrat. Semmai hemm biss lok għal azzjoni ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap 604.

Per konsegwenza, dan il-Bord sejjer għalhekk jgħaddi biex ikompli jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu. Dwar it-talbiet tar-rikorrenti, il-konvenut qatt ma ressaq xi provi biex jikkontesta dak li kien qed jiġi premess u mitlub mir-rikorrenti. Addirittura, fit-trattazzjoni finali, ġie għal darb' oħra ndikat li l-fatti huma li huma u li t-terminu kien għalaq.

Dan il-Bord fela l-ftehim ta' kera eżbit bħala Dok B mar-rikors promotur. Jirriżulta li kien hemm stipulat b' mod ċar li l-kirja kienet ser tibda fl-1 ta' Marzu 2016 u tispiċċa fit-28 ta' Frar 2021. Dak it-terminu għadda u l-intimat nonostante dan baqa' jokkupa dan il-fond mingħajr ħlas. Irriżulta wkoll mir-rikors promotur ġuramentat li ntbagħtet

ittra uffiċċjali fil-15 ta' Jannar 2021 biex l-intimat jivvaka mill-fond u jeffettwa l-ħlasijiet dovuti iżda dan baqa' inadempjenti.

Dan il-Bord iqis għalhekk li kemm it-tielet u r-raba' talba għandhom jiġu milqugħa.

Dwar it-talba għal ħlas ta' €2,143.13ċ rappreżentanti ħlas għal servizzi u konsum ta' dawl u ilma fuq il-fond lokat, ir-rikorrenti kien ppremetta bil-ġurament tiegħu li hemm tali pendenza dovuta fit-tmien premessa. Fix-xhieda tiegħu li ta fid-9 ta' Diċembru 2021 huwa kkonferma dak l-ammont u żied jgħid li hemm ferm aktar ammonti dovuti. Madanakollu, it-talba li għandu quddiemu dan il-Bord hija għall-ammont indikat. A fol 34 u a fol 35 ġew ippreżentati żewġ irċevuti li jkopru ħlasijiet li saru lil ARMS Ltd fi żmien preċedenti għal ftuħ ta' din il-kawża. L-ammonti hemm indikati jammontaw għas-somma ta' €2,243,13ċ. Għalhekk, il-Bord sejjer jilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikkorenti u jordna lill-intimat il-ħlas li ġie mniżżel fl-ewwel talba u ċioe' dak ta' €2,143.13ċ.

Jifdal biss t-talba li r-rikorrenti jiġu kkumpensati mill-intimat għall-okkupazzjoni tal-fond b' effett mill-1 ta' Marzu 2021 sad-data ta' l-iżgumbrament effettiv. Dan il-Bord qies kemm kienet il-kirja li kienet titħallas. Qies ukoll l-istima peritali ppreżentat mir-rikorrenti, il-kontenut ta' liema ma ġiex kontradett mill-intimat iżda l-kontenut ta' dan ir-rapport lanqas ma ġie kkonfermat bil-ġurament mill-istess perit li rrilaxxjah. Din l-istima peritali ġiet ippreparatha minn perit inkarigat mir-rikorrenti.

Jingħad ukoll li f'każijiet bħal dan meta jkun hemm okkupazzjoni bla titolu, il-kumpens dovut bħala danni soltu li jiġu kalkulati a bażi tal-valur lokatizzju tal-fond jew ir-rata ta' kera miftiehma (Staines noe vs Amato et, PA deċiża fit-28 ta' Mejju, 1999). In oltre, jiġi senjalat li dan mhuwiex neċessarjament ekwiparat mal-kera preċedentement imħallsa iżda għal kull kera li l-istess fond seta' jattira skond is-suq (Vincent Curmi noe vs John Bosco Bonaci, PA deċiża fit-30 ta' Ottubru, 2008).

Issa meta l-Bord iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ jidhirlu li għandu arbitrio boni viri jillikwida s-somma ta' €500 fix-xahar bħala l-kumpens li għandu jħallas l-intimat għall-okkupazzjoni tiegħu fil-fond mill-1 ta' Marzu 2021 sad-data ta' l-iżgumbrament effettiv.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, dan il-Bord qed jiddeċidi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat fis-segwenti mod:

1. Qed jilqa' l-ewwel u t-tieni talba;

2. Qed jilqa' t-tielet u r-raba' talba u jiffissa terminu ta' ġimgħatejn biex l-intimat jiżgombra minn dan il-fond;

3. Qed jilqa' l-ħames u s-sitt talba b' dana li qed jiffissa s-somma ta' €500 fix-xahar bħala ammont li l-intimat għandhu jħallas lir-rikorrenti b' effett mill-1 ta' Marzu 2021 sad-data tal-iżgumbrament effettiv;

4. L-ispejjeż kollha nklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali 1/2021 għandhom jiġu sopportati mill-intimat.

(ft) Dr. Simone Grech
Chairman

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

28.02.2023 – Bord52.2021 – Farrugia Joseph noe vs Buttiġieġ Justin
2585